18 ta' Mejju, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paul Abela ne. *versus* Paul Laferla ne.

**Kompensazzjoni — Art. 1239 (a) u 1240 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kompensazzjoni ssir "ipso jure"; u, anki mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu ndaqs.*

*Imma l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat rueħha "ipso jure" għar-rigward ta' krediti li ma kumiex ammessi mill-parti l-oħra.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur nomine talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' £11. 16. 8, prezz ta' merċi forniti lid-ditta konvenuta; bl-imgħaxijiet kummerċjali mis-27 ta' Mejju 1950 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 1949 u ta' l-1 ta' Lulju 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Frar 1953, li biha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni opposta mill-konvenut u laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-*kompensazzjoni* ma tistax issir jekk mhux bejn żewġ debiti ugwalment likwidi u ċerti;

Illi għalkemm il-likwidità taż-żewġ krediti mhix estrem essenzjali għall-kompensazzjoni ġudizzjali, iżda meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott in kompensazzjoni mhix faċili u spedita, dik il-kompensazzjoni ma għandhiex tiġi faċilment akkolta;

Illi f'dan il-każ hija kontestata saħansitra l-eżistenza tal-kreditu dedott in kompensazzjoni;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal in data 21 ta' Frar 1953, il-konvenut ma jikkontestax il-kreditu ta' l-attur reklamat fl-odjerna ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-*appell tal-konvenut*, li appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Frar 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Frar 1953 tiġi revokata, u konsegwentement it-talba ta' l-attur tiġi miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ *istanzi*;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ma jikkontestax li l-attur kellu jieħu s-somma mitluba fit-taħrika għar-raġunijiet imsemmijin fil-kont meħmuż mat-taħrika stess. Iżda jippretendi li dak id-dejn kien ġie kompensat, peress li huwa kellu jieħu somma akbar minn għand l-attur ta' bilanċ ta' nol. L-Ewwel Qorti daħrilha li ma kienx hemm lok tal-kompensazzjoni minħabba li l-kreditu tal-konvenut ma kienx likwidu u eżiġibili;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 1239 (a) tal-Kodiċi Ċivili, "it-tpaċija ssir "*ipso jure*", u, ukoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs";

Ikkunsidrat;

Illi l-kreditu ta' l-attur twieled bejn il-21 ta' Diċembru 1949 u s-27 ta' Mejju 1950. Dak iż-żmien il-konvenut ġa kellu jlħu £364 tan-nol, li minnhom l-attur fis-27 ta' Mejju 1950 ħallas £317. 10. 9. Dana jirriżulta mill-kont li għamel l-attur stess (dok. fol. 14). Iżda f'dak il-kont l-attur ippretenda li jikkompensa kreditu ieħor li kien jippretendi, u li l-konvenut ma kienx jammetti. Għaldaqstant, skond l-art. 1240 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur ma setax jikkompensa dak il-kreditu pretiż minnu; u għalhekk baqa' favur il-konvenut il-kreditu bilanċjali tan-nol riżultanti mill-kont stess ta' l-attur u ammontanti għas-somma ta' £46. 9. 3. U peress li b'dan il-mod dana l-kreditu bilanċjali tal-konvenut kien likwidu u eżiġibbli, saret il-kompensazzjoni "ipso jure" tal-kreditu ta' l-attur li jinsab reklamat fit-talbrika. L-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra bħala illikwidu l-kreditu tan-nol oriġinarjament ammess mill-attur sempliċement għax l-attur ippretenda li jnaqqas minnu ammont ta' kreditu pretiż minnu, iżda kontestat mill-konvenut. Għaldaqstant l-appell għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni opposta mill-konvenut, u tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.